**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2020/2012(INI)**

21.4.2020

# ABBOZZ TA' RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati
(2020/2012(INL))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Ibán García del Blanco

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_INL

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA................................10

A. PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA MITLUBA.................................................10

B. TEST TAL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA MITLUBA....................................................13

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................31

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati**
**(2020/2012(INL))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027 (COM(2018)0434),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali - Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja (COM(2020)0065),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar strateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar is-sistemi ta' armi awtonomi[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar l-ugwaljanza tal-

---

[1] ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1.
[2] ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.
[3] ĠU C 307, 30.8.2018, p. 163.
[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.

lingwi fl-era diġitali[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar politika industrijali Ewropea komprensiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika[6],

– wara li kkunsidra r-rapport tat-8 ta' April 2019 intitolat "Ethics Guidelines for Trustworthy AI" (Linji Gwida tal-Etika għal IA Affidabbli) mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali mwaqqaf mill-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra l-briefings u l-istudji mħejjija fuq talba tal-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA), ġestit mill-Unità tal-Prospettiva Xjentifika fi ħdan is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, intitolati, "What if algorithms could abide by ethical principles?" (X'jiġri jekk l-algoritmi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-prinċipji etiċi?), "Artificial Intelligence *ante portas*: Legal & ethical reflections" (Intelliġenza Artifiċjali *ante portas*: Riflessjonijiet legali u etiċi), "A governance framework for algorithmic accountability and transparency" (Qafas ta' governanza għall-akkontabbiltà algoritmika u t-trasparenza), "Should we fear artificial intelligence?" (Għandna nibżgħu mill-intelliġenza artifiċjali jew le?) u "The ethics of artificial intelligence: Issues and initiatives" (L-etika tal-intelliġenza artifiċjali: Kwistjonijiet u inizjattivi),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0000/2020),

***Introduzzjoni***

A. billi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati bil-potenzjal li jkollhom impatt dirett fuq l-aspetti kollha tas-soċjetajiet tagħna, inklużi l-prinċipji u l-valuri soċjali u ekonomiċi bażiċi, qed jiġu żviluppati b'mod mgħaġġel ħafna;

B. billi l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom responsabbiltà partikolari biex jiżguraw li dawn it-teknoloġiji jikkontribwixxu għall-benesseri u l-interess ġenerali taċ-ċittadini tagħhom;

C. billi qafas komuni għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni għandu jipproteġi liċ-ċittadini mir-riskji potenzjali tagħhom kif ukoll jippromwovi l-affidabbiltà ta' tali teknoloġiji fid-dinja;

D. billi l-Parlament wettaq riċerka sostanzjali u adotta diversi pożizzjonijiet dwar il-

[5] Testi adottati, P8_TA(2018)0332.
[6] Testi adottati, P8_TA(2019)0081.

kwistjonijiet legali u etiċi relatati ma' dawn it-teknoloġiji;

E. billi tali mistoqsijiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' qafas legali komprensiv u li jibqa' validu għall-futur li jirrifletti l-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li jwassal għal ċertezza legali kemm għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini;

F. billi biex il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-qafas ikun adegwat għandu jkopri firxa wiesgħa ta' teknoloġiji u l-komponenti tagħhom, inklużi algoritmi, software u data użati jew prodotti minnhom;

G. billi dan il-qafas għandu jinkludi s-sitwazzjonijiet kollha li jeħtieġu kunsiderazzjoni xierqa tal-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni, jiġifieri l-iżvilupp, il-varar u l-użu tat-teknoloġiji rilevanti u l-komponenti tagħhom;

H. billi approċċ armonizzat għall-prinċipji etiċi relatati mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jeħtieġu fehim komuni fl-Unjoni ta' dawk il-kunċetti u ta' kunċetti bħal algoritmi, software, data jew rikonoxximent bijometriku;

I. billi l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata mill-ħtieġa ta' applikazzjoni omoġenea tal-prinċipji etiċi komuni meta jiġu żviluppati, varati u użati l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

J. billi l-prinċipji etiċi komuni huma effiċjenti biss meta jiġu identifikati dawk responsabbli għall-iżgurar, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità;

K. billi kull Stat Membru għandu jistabbilixxi awtorità superviżorja nazzjonali responsabbli li tiżgura, tivvaluta u timmonitorja l-konformità, u li tippermetti diskussjoni u skambju ta' fehmiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kkonċernati u mas-soċjetà ċivili;

L. billi l-Parlament qed ikompli jappella għall-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea biex tiżgura approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha u tindirizza l-opportunitajiet u l-isfidi l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' natura transfruntiera, li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi li għaddejjin bħalissa.

***Intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u magħmula mill-bniedem***

1. Jiddikjara li l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluż iżda mhux esklużivament mill-bnedmin, għandhom dejjem jirrispettaw l-azzjoni u s-sorveljanza tal-bniedem, kif ukoll jippermettu li l-bniedem jerġa' jieħu l-kontroll f'idejh fi kwalunkwe ħin;

***Valutazzjoni tar-riskji***

2. Iqis li d-determinazzjoni dwar jekk l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhomx jitqiesu riskju għoli fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji etiċi għandha dejjem tirriżulta minn valutazzjoni imparzjali, regolata u esterna;

***Karatteristiċi tas-sikurezza, trasparenza u akkontabbiltà***

3. Isostni li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji għandhom jiġu żviluppati b'mod sigur, b'mod teknikament rigoruż u in bona fide;

4. Jenfasizza li l-ispjegabbiltà hija essenzjali biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jafdaw dawn it-teknoloġiji, anke jekk il-grad ta' spjegabbiltà jkun relattiv għall-kumplessità tat-teknoloġiji, u li din għandha tkun ikkomplementata mill-kapaċità ta' awditjar u t-traċċabbiltà;

***Imparzjalità u nondiskriminazzjoni***

5. Ifakkar li l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem u jiżguraw it-trattament ugwali għal kulħadd;

6. Jafferma li għandhom jiġu indirizzati l-parzjalità possibbli fis-software, l-algoritmi u d-data, u d-diskriminazzjoni min-naħa tagħhom, billi jiġu stabbiliti regoli għall-proċessi li permezz tagħhom jiġu ddisinjati u jintużaw, peress li dan l-approċċ ikollu l-potenzjal li jittrasforma s-software, l-algoritmi u d-data f'kontrobilanċ konsiderevoli għall-parzjalità u d-diskriminazzjoni, u f'forza pożittiva għall-bidla soċjali;

***Responsabbiltà soċjali u bilanċ bejn il-ġeneri***

7. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati soċjalment responsabbli għandhom jissalvagwardjaw u jippromwovu l-valuri fundamentali tas-soċjetà tagħna bħad-demokrazija, il-pluralità u l-indipendenza tal-midja u l-informazzjoni oġġettiva u disponibbli b'mod liberu, is-saħħa u l-prosperità ekonomika, l-opportunitajiet indaqs, id-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, l-edukazzjoni ta' kwalità, id-diversità kulturali u lingwistika, il-bilanċ bejn is-sessi, il-litteriżmu diġitali, l-innovazzjoni u l-kreattività;

8. Jipproponi li l-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati f'dan ir-rigward għandhom jiġu massimizzati u esplorati permezz ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jeħtieġu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;

9. Jinsisti li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji m'għandhom jikkawżaw ebda tip ta' dannu jew ħsara lill-individwi jew lis-soċjetà;

***L-ambjent u sostenibbiltà***

10. Jiddikjara li huwa essenzjali li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jappoġġjaw il-kisba tal-iżvilupp sostenibbli, in-newtralità klimatika u l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari; l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandhom ikunu ekoloġiċi, u għandhom jikkontribwixxu biex jimminimizzaw kwalunkwe ħsara kkawżata lill-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u tul il-katina sħiħa tal-provvista tagħhom;

11. Jipproponi li l-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati f'dan ir-rigward għandhom jiġu massimizzati u esplorati permezz ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jeħtieġu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi mill-Unjoni u l-Istati

Membri tagħha;

12. Jenfasizza li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jipprovdu bosta opportunitajiet biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli deskritti min-Nazzjonijiet Uniti;

*Privatezza u rikonoxximent bijometriku*

13. Josserva li l-produzzjoni u l-użu tad-data, inkluża data personali bħal data bijometrika, li jirriżultaw mill-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, qed jiżdiedu b'mod rapidu, u b'hekk jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

14. Jirrimarka li l-possibbiltà pprovduta minn dawn it-teknoloġiji li tintuża data personali u data mhux personali għall-kategorizzazzjoni u l-mikromira tal-persuni, għall-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tal-individwi, jew għall-isfruttament ta' għarfien predittiv preċiż, trid tiġi kontrobilanċjata mill-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data, id-dritt li tinkiseb spjegazzjoni dwar deċiżjoni bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat u l-privatezza mid-disinn, kif ukoll dawk tal-proporzjonalità, in-neċessità u l-limitazzjoni bbażati fuq l-għan;

15. Jenfasizza li meta l-awtoritajiet pubbliċi jużaw teknoloġiji ta' rikonoxximent remot fi żminijiet ta' emerġenza nazzjonali, bħal pereżempju matul kriżi nazzjonali tas-saħħa, l-użu tagħhom għandu jkun dejjem proporzjonat, limitat fiż-żmien u jirrispetta d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali;

*Governanza*

16. Jenfasizza li l-governanza xierqa tal-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluż billi jkun hemm miżuri fis-seħħ li jiffukaw fuq l-akkontabbiltà u li jindirizzaw ir-riskji potenzjali ta' parzjalità u diskriminazzjoni, iżżid is-sikurezza u l-fiduċja taċ-ċittadini f'dawk it-teknoloġiji;

17. Josserva li d-data tintuża f'volumi kbar fl-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati u li l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-aċċess għal tali data jridu jiġu rregolati f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità, tal-integrità, tas-sigurtà, tal-privatezza u tal-kontroll;

18. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-data li tappartjeni għal gruppi vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltà, il-pazjenti, it-tfal, il-minoranzi u l-migranti, tkun protetta b'mod adegwat;

*Awtoritajiet superviżorji nazzjonali*

19. Jinnota l-valur miżjud li jkun hemm awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'kull Stat Membru responsabbli għall-iżgurar, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

20. Jindika li tali awtoritajiet għandhom jikkooperaw mhux biss bejniethom iżda wkoll mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-

Unjoni sabiex tiġi garantita azzjoni transfruntiera koerenti;

21. Jitlob li dawn l-awtoritajiet jiġu inkarigati li jippromwovu skambji regolari mas-soċjetà ċivili u l-innovazzjoni fl-Unjoni billi jipprovdu assistenza lill-partijiet interessati kkonċernati, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u ta' daqs medju jew in-negozji l-ġodda;

*Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali*

22. Ifakkar li r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Frar 2017, b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-Regoli tal-Liġi Ċivili dwar ir-Robotika, talbet lill-Kummissjoni tikkunsidra d-deżinjazzjoni ta' Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi dik it-talba, speċjalment fid-dawl tal-valur miżjud li jkun hemm korp fil-livell tal-Unjoni li jikkoordina l-mandati u l-azzjonijiet ta' kull awtorità superviżorja nazzjonali kif imsemmi fis-sottotaqsima preċedenti;

24. Jemmen li tali korp, kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu li ġej, mhux biss ikunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-industrija tal-Unjoni u l-innovazzjoni f'dak il-kuntest, iżda jżidu wkoll is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tagħna fir-rigward tal-opportunitajiet u r-riskji inerenti għal dawn it-teknoloġiji;

*Ċertifikazzjoni ta' konformità etika Ewropea*

25. Jissuġġerixxi li l-Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali tiżviluppa kriterji komuni u proċess ta' applikazzjoni rigward l-għoti ta' ċertifikat Ewropew ta' konformità etika wara li jintalab minn kwalunkwe żviluppatur, dak li jvara jew utent li jfittex li jiċċertifika l-valutazzjoni pożittiva tal-konformità mwettqa mill-awtorità superviżorja nazzjonali rispettiva;

*Kooperazzjoni internazzjonali*

26. Jenfasizza li l-prinċipji etiċi tal-Unjoni għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandhom jiġu promossi mad-dinja kollha billi jkun hemm kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali u koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi b'mudelli differenti tal-iżvilupp u tal-varar;

27. Ifakkar li l-opportunitajiet u r-riskji inerenti għal dawn it-teknoloġiji għandhom dimensjoni globali li teħtieġ approċċ konsistenti fil-livell internazzjonali u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni taħdem f'kuntesti bilaterali u multilaterali biex tappoġġja u tiżgura il-konformità etika

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-valur miżjud ta' Aġenzija Ewropea kif imsemmi hawn fuq f'dan il-kuntest ukoll.

*Aspetti finali*

29. Jikkonkludi, wara r-riflessjonijiet ta' hawn fuq dwar aspetti relatati mad-dimensjoni etika tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, li d-dimensjoni etika għandha tiġi inkwadrata bħala serje ta' prinċipji li jirriżultaw f'qafas legali fil-livell tal-Unjoni ssorveljat mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, ikkoordinat u mtejjeb minn

Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali u rrispettat u ċċertifikat kif xieraq fis-suq intern;

30. Abbażi tal-proċedura tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta għal Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fuq il-bażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-anness ta' dan l-abbozz ta' rapport;

31. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tirrevedi l-liġi tal-Unjoni eżistenti applikabbli għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati sabiex tiġi indirizzata l-ħeffa tal-iżvilupp tagħhom f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-anness tiegħu;

32. Iqis li l-proposta mitluba jkollha implikazzjonijiet finanzjarji jekk titwaqqaf Aġenzija Ewropea ġdida għall-Intelliġenza Artifiċjali;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

### A. PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA MITLUBA

I. Il-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-proposta huma:

- li tinbena fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati billi jiġi żgurat li dawn it-teknoloġiji jiġu żviluppati, varati u użati b'mod etiku;
- li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni, inkluż billi jiġu megħjuna n-negozji u n-negozji ġodda biex jivvalutaw u jindirizzaw ir-rekwiżiti u r-riskji regolatorji matul il-proċess tal-iżvilupp;
- li jiġi appoġġjat il-varar tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni billi jiġi pprovdut il-qafas regolatorju xieraq;
- li jiġi appoġġjat l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni billi jiġi żgurat li huma jiġu żviluppati, varati u użati b'mod etiku;
- li jkunu meħtieġa flussi ta' informazzjoni aħjar fost iċ-ċittadini u fl-organizzazzjonijiet li jiżviluppaw, ivaraw jew jużaw l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati bħala mezz biex jiġi żgurat li dawn it-teknoloġiji jkunu konformi mal-prinċipji etiċi tar-Regolament propost.

II. Din il-proposta tikkonsisti mill-partijiet li ġejjin:

- "Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati";
- Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali u ċertifikazzjoni Ewropea ta' konformità etika;
- ir-rwol ta' appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea;
- il-ħidma mwettqa mill-"Awtorità ta' Sorveljanza" ta' kull Stat Membru biex jiżguraw li l-prinċipji etiċi jiġu applikati għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
- l-involviment u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, inklużi n-negozji ġodda, in-negozji, is-sħab soċjali u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ għalihom.

III. "Ir-Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati" jibbaża fuq il-prinċipji li ġejjin:

- l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ċċentrati fuq il-bniedem

u magħmula mill-bniedem;

- valutazzjoni tar-riskji tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
- karatteristiċi tas-sikurezza, trasparenza u akkontabbiltà;
- salvagwardji kontra l-parzjalità u d-diskriminazzjoni;
- responsabbiltà soċjali u bilanċ bejn is-sessi fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
- intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jkunu ekoloġiċi u sostenibbli;
- rispett għall-privatezza u limitazzjonijiet fl-użu tar-rikonoxximent bijometriku;
- governanza relatata mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluża d-data użata jew prodotta minn tali teknoloġiji.

IV. L-elementi ewlenin tal-ħidma tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati huma:

- il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Regolament propost;
- is-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni u l-involviment fi skambji ma' żviluppaturi, dawk li jvaraw u utenti fl-Unjoni kollha.

V. L-Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali għandha tiġi stabbilita wara proposta dettaljata mill-Kummissjoni, li għandha tinkludi l-kompiti ewlenin li ġejjin:

- tissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolament propost;
- tippreżenta gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament propost;
- tikkoordina mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" ta' kull Stat Membru u tikkoordina l-mandat u l-kompiti tagħhom;
- tiżviluppa ċertifikat Ewropew ta' konformità mal-prinċipji etiċi;
- tappoġġja skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u mas-soċjetà ċivili.

VI. Il-kompiti ewlenin tal-"Awtorità ta' Sorveljanza" ta' kull Stat Membru għandhom ikunu:

- li jivvalutaw jekk l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, żviluppati, varati u użati fl-Unjoni, humiex teknoloġiji b'riskju għoli;
- li jimmonitorjaw il-konformità tagħhom mal-prinċipji etiċi stabbiliti fir-Regolament propost;

- li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament propost f'kooperazzjoni ma' Awtoritajiet Superviżorji oħrajn, il-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni; u

- li jkunu responsabbli għall-istabbiliment ta' standards għall-governanza tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluż billi jikkoordinaw mal-għadd massimu possibbli ta' partijiet interessati u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

VII. Ir-rwol ewlieni tal-partijiet interessati għandu jkun li jikkolaboraw mal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali u l-"Awtorità Superviżorja" f'kull Stat Membru.

## B. TEST TAL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA MITLUBA

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati.**

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, huma bbażati fuq ix-xewqa li jservu lis-soċjetà. Huma jistgħu jinvolvu opportunitajiet u riskji, li jenħtieġ li jiġu indirizzati u regolati minn qafas legali komprensiv ta' prinċipji etiċi li għandu jkun hemm konformità magħhom mill-mument tal-iżvilupp u l-varar ta' tali teknoloġiji sal-użu tagħhom.

(2) Il-livell ta' konformità mal-prinċipji etiċi rigward l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji fl-Unjoni jenħtieġ li jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha, sabiex jinħatfu l-opportunitajiet b'mod effiċjenti u jiġu indirizzati r-riskji ta' teknoloġiji bħal dawn b'mod konsistenti. Jenħtieġ li jiġi żgurat li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu applikati fl-Unjoni kollha b'mod omoġenju.

(3) F'dan il-kuntest, id-diversità attwali tar-regoli u l-prattiki li għandhom jiġu segwiti fl-Unjoni kollha tippreżenta riskju sinifikanti għall-protezzjoni tal-benesseri u l-prosperità tal-individwi u, b'mod simili, tas-soċjetà, kif ukoll għall-esplorazzjoni koerenti tal-potenzjal sħiħ li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhom fil-promozzjoni u l-preservazzjoni tal-benesseri u l-prosperità. Id-differenzi fil-grad ta' kif tiġi kkunsidrata d-dimensjoni etika inerenti għal dawn it-teknoloġiji jistgħu jwaqqfuhom milli jiġu żviluppati, varati jew użati b'mod liberu fl-Unjoni u tali

differenzi jistgħu jikkostitwixxu ostakolu għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Unjoni, iwasslu għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u jimpedixxu lill-awtoritajiet milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' qafas komuni ta' prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jirriżulta f'inċertezza legali għal dawk kollha involuti, b'mod partikolari l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti.

(4) Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi marġni ta' manuvrar għall-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kif għandu jitwettaq il-mandat tal-awtorità superviżorja nazzjonali rispettiva tagħhom fid-dawl tal-objettivi li għandha ssegwi kif stabbilit hawnhekk.

(5) Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' tali qafas jenħtieġ li jkopri l-komponenti kollha tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni, inkluż f'każijiet fejn parti mit-teknoloġiji jistgħu jkunu barra mill-Unjoni jew ma jkollhomx post speċifiku, bħal fil-każ tas-servizzi tal-cloud computing.

(6) Huwa meħtieġ fehim komuni fl-Unjoni ta' kunċetti bħall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, it-teknoloġiji relatati, l-algoritmi u r-rikonoxximent bijometriku sabiex jitħalla jsir approċċ regolatorju armonizzat. Madankollu, jeħtieġ li d-definizzjonijiet legali speċifiċi jiġu żviluppati fil-kuntest ta' dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għal definizzjonijiet oħra użati f'atti legali oħra u f'ġurisdizzjonijiet internazzjonali.

(7) L-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jenħtieġ li jkunu tali li jiżguraw li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi taċ-ċittadini, u jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u strumenti Ewropej u internazzjonali oħrajn li japplikaw fl-Unjoni.

(8) L-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ngħataw il-kapaċità li jitgħallmu mid-data u l-esperjenza, kif ukoll li jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Tali kapaċitajiet jeħtieġ li jibqgħu soġġetti għal rieżamijiet, sentenzi, interventi u kontrolli umani sinifikanti. Il-kumplessità teknika u operattiva ta' tali teknoloġiji jenħtieġ li qatt ma żżomm lil dak li jvarahom jew l-utent milli jkunu jistgħu, tal-inqas, ibiddluhom jew iwaqqfuhom f'każijiet fejn il-konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament tkun f'riskju.

(9) Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jkunu jinvolvu riskju għoli ta' ksur tal-prinċipji tas-sikurezza, it-trasparenza, l-akkontabbiltà, l-imparzjalità jew in-nondiskriminazzjoni, ir-responsabbiltà soċjali u l-bilanċ bejn is-sessi, il-ħarsien

ambjentali u s-sostenibbiltà, il-privatezza u l-governanza, jenħtieġ li jitqiesu bħala riskju għoli minn perspettiva ta' konformità mal-prinċipji etiċi, fejn dik tkun il-konklużjoni ta' valutazzjoni tar-riskju imparzjali, regolata u esterna mill-awtorità superviżorja nazzjonali.

(10) Minkejja l-valutazzjoni tar-riskji mwettqa fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji etiċi, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jenħtieġ li dejjem jiġu vvalutati fir-rigward tar-riskju tagħhom abbażi ta' kriterji oġġettivi u f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u rilevanti applikabbli f'oqsma differenti bħal dawk tas-saħħa, it-trasport, l-impjiegi, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-midja, l-edukazzjoni u l-kultura.

(11) L-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati affidabbli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati, varati u użati b'mod sikur, trasparenti u responsabbli abbażi tal-karatteristiċi tar-robustezza, ir-reżiljenza, is-sigurtà, il-preċiżjoni u l-identifikazzjoni tal-iżball, l-ispjegabbiltà u ta' kemm jistgħu jkunu identifikabbli, u b'mod li jkun possibbli li jiġu temporanjament diżattivati u jerġgħu lura għall-funzjonalitajiet storiċi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk il-karatteristiċi tas-sikurezza.

(12) L-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti huma responsabbli għall-konformità mal-prinċipji tas-sikurezza, it-trasparenza u l-akkontabbiltà sal-punt tal-involviment tagħhom mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati kkonċernati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji. L-iżviluppaturi jenħtieġ li jiżguraw li t-teknoloġiji kkonċernati jkunu ddisinjati u magħmula f'konformità mal-karatteristiċi ta' sikurezza, filwaqt li dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jvaraw u jużaw it-teknoloġiji kkonċernati b'rispett sħiħ għal dawk il-karatteristiċi.

(13) L-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-utenti kull aġġornament sussegwenti tat-teknoloġiji kkonċernati, b'mod partikolari f'termini ta' software.

(14) Safejn l-involviment tagħhom ma' dawk it-teknoloġiji jinfluwenza l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza, tat-trasparenza u tal-akkontabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-utenti jenħtieġ li jużaw l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati in bona fide. B'mod partikolari, dan ifisser li jenħtieġ li ma jużawx dawk it-teknoloġiji b'mod li jikser il-prinċipji etiċi stipulati f'dan il-qafas legali u r-rekwiżiti elenkati fih. Lil hinn minn tali użu in bona fide, l-utenti jenħtieġ li jkunu eżenti minn kwalunkwe responsabbiltà li altrimenti taqa' fuq l-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

(15) Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati,

inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, tiddependi fuq il-fehim u l-komprensjoni tal-proċessi tekniċi. Il-grad ta' spjegabbiltà ta' tali proċessi jenħtieġ li jiddependi mill-kuntest u mis-severità tal-konsegwenzi ta' output żbaljat jew mhux preċiż ta' dawk il-proċessi tekniċi, u jeħtieġ li jkun biżżejjed biex wieħed jikkontestahom u jfittex rimedju. Il-kapaċità ta' awditjar u t-traċċabbiltà jenħtieġ li jirrimedjaw in-nuqqas ta' fehim possibbli ta' tali teknoloġiji.

(16) Il-fiduċja tas-soċjetà fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, tiddependi mill-punt sa fejn huma permessi l-valutazzjoni, il-kapaċità ta' awditjar u t-traċċabbiltà tagħhom fit-teknoloġiji kkonċernati. Meta l-firxa tal-involviment tagħhom tkun teħtieġ dan, l-iżviluppaturi jenħtieġ li jiżguraw li tali teknoloġiji jiġu ddisinjati u magħmula b'mod li jippermetti tali valutazzjoni, awditjar u traċċabbiltà. Dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jiżguraw li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jiġu varati u użati b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti ta' trasparenza, u jippermettu l-awditjar u t-traċċabbiltà.

(17) Il-parzjalità fis-software, l-algoritmi u d-data u d-diskriminazzjoni min-naħa tagħhom huma kontra l-liġi u jenħtieġ li jiġu indirizzati billi jiġu regolati l-proċessi li permezz tagħhom jiġu ddisinjati u jintużaw.

(18) Is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jenħtieġ li jitqiesu li mhumiex imparzjali fejn, pereżempju, juru riżultati subottimali fir-rigward ta' kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni, abbażi ta' perċezzjoni personali, soċjali jew parzjali preġudikata u pproċessar sussegwenti ta' data relatata mal-karatteristiċi tagħhom.

(19) F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jenħtieġ li jitqiesu bħala diskriminatorji meta jittrattaw persuna jew grupp ta' persuni b'mod differenti, inkluż billi jpoġġuhom fi żvantaġġ meta mqabbla ma' oħrajn, abbażi ta' raġunijiet bħall-karatteristiċi personali tagħhom, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli.

(20) F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, l-għanijiet leġittimi li jistgħu jiġġustifikaw b'mod oġġettiv xi trattament differenzjali bejn persuni jew grupp ta' persuni huma l-protezzjoni tas-sikurezza pubblika, is-sigurtà u s-saħħa, il-prevenzjoni ta' reati kriminali, il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet individwali, ir-rappreżentazzjoni ġusta u r-rekwiżiti professjonali oġġettivi.

(21) Jenħtieġ li intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, joperaw abbażi tal-progress sostenibbli. Jenħtieġ li dawn it-teknoloġiji jikkontribwixxu b'mod komprensiv għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli deskritti min-Nazzjonijiet Uniti bil-ħsieb li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jirnexxu. Dawn it-teknoloġiji jistgħu jappoġġjaw

il-monitoraġġ ta' progress adegwat abbażi ta' indikaturi tas-sostenibbiltà u tal-koeżjoni soċjali, u bl-użu ta' għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jirrikjedu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw u jinvestu fi proġetti li jindirizzaw dawk l-għanijiet.

(22) Jenħtieġ li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, bl-ebda mod m'għandhom jikkawżaw korriment jew dannu ta' kwalunkwe tip lill-individwi jew lis-soċjetà. Għaldaqstant, tali teknoloġiji għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod soċjalment responsabbli.

(23) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iżviluppaturi, dawk li jvaraw u l-utenti għandhom jinżammu responsabbli, sal-limitu tal-involviment tagħhom fl-intelliġenza artifiċjali, fir-robotika u fit-teknoloġiji relatati kkonċernati, għal kwalunkwe korriment jew dannu kkawżat lill-individwi u s-soċjetà.

(24) B'mod partikolari, l-iżviluppaturi li jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw u jikkontrollaw il-kors jew il-manjiera tal-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, kif ukoll dawk li jvaraw li huma involuti fil-varar tagħhom, b'funzjoni operattiva jew amministrattiva, għandhom ġeneralment jitqiesu responsabbli li jevitaw l-okkorrenza ta' kwalunkwe korriment jew dannu bħal dan u dan billi jitqiegħdu fis-seħħ miżuri adegwati matul il-proċess ta' żvilupp u billi dawn il-miżuri jiġu rrispettati bir-reqqa matul il-fażi ta' varar, rispettivament.

(25) Intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jkunu soċjalment responsabbli, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jistgħu jiġu definiti bħala teknoloġiji li kemm jissalvagwardjaw kif ukoll jippromwovu għadd ta' aspetti differenti tas-soċjetà, b'mod partikolari d-demokrazija, is-saħħa u l-prosperità ekonomika, l-opportunitajiet ugwali, id-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, midja varjata u indipendenti u informazzjoni oġġettiva u disponibbli liberament, li jippermettu dibattitu pubbliku, edukazzjoni ta' kwalità, diversità kulturali u lingwistika, bilanċ bejn is-sessi, litteriżmu diġitali, innovazzjoni u kreattività. Hemm dawk ukoll li huma żviluppati, varati u użati b'konsiderazzjoni dovuta għall-impatt finali tagħhom fuq il-benesseri fiżiku u mentali taċ-ċittadini.

(26) Jenħtieġ li dawn it-teknoloġiji jiġu żviluppati, varati u użati wkoll bil-ħsieb li jappoġġjaw l-inklużjoni soċjali, il-pluralità, is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-kooperazzjoni u jenħtieġ li l-potenzjal tagħhom f'dak il-kuntest jiġi mmassimizzat u esplorat permezz tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Jenħtieġ li għaldaqstant l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jimmobilizzaw ir-riżorsi tagħhom bil-għan li jappoġġjaw u jinvestu f'tali proġetti.

(27) Jenħtieġ li l-proġetti relatati mal-potenzjal li intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jittrattaw il-kwistjoni tal-benesseri soċjali, jitwettqu abbażi ta'

għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli sabiex tiġi ggarantita konformità mal-prinċipji etiċi ta' dawk il-proġetti mill-bidu nett.

(28) Jenħtieġ li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, iqisu l-impronta ambjentali tagħhom u jenħtieġ li ma jkunux ta' dannu għall-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u fil-katina ta' provvista kollha tagħhom. Jenħtieġ li, għaldaqstant, tali teknoloġiji jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u li jgħin il-kisba tal-għanijiet tan-newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima u tal-ekonomija ċirkolari.

(29) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iżviluppaturi, dawk li jvaraw u l-utenti għandhom jinżammu responsabbli, sal-limitu tal-involviment tagħhom fl-iżvilupp, il-varar jew l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati kkonċernati, għal kwalunkwe dannu kkawżat lill-ambjent.

(30) B'mod partikolari, l-iżviluppaturi li jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw u jikkontrollaw il-kors jew il-manjiera tal-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, kif ukoll dawk li jvaraw li huma involuti fil-varar tagħhom, b'funzjoni operattiva jew amministrattiva, għandhom ġeneralment jitqiesu responsabbli li jevitaw l-okkorrenza ta' dannu, prinċipalment billi, rispettivament, jitqiegħdu fis-seħħ miżuri adegwati matul il-proċess ta' żvilupp u billi dawn il-miżuri jiġu rrispettati bir-reqqa matul il-fażi ta' varar.

(31) Jenħtieġ ukoll li dawn it-teknoloġiji jiġu żviluppati, varati u użati bil-ħsieb li jappoġġjaw il-kisba tal-għanijiet ambjentali bħat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-iskart, il-limitar tal-marka tal-karbonju, il-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima u l-evitar tad-degradazzjoni ambjentali, u l-potenzjal tagħhom, f'dan il-kuntest, għandu jiġi mmassimizzat u esplorat permezz tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Jenħtieġ li għaldaqstant l-Unjoni u l-Istati Membri jimmobilizzaw ir-riżorsi tagħhom bil-għan li jappoġġjaw u jinvestu f'tali proġetti.

(32) Jenħtieġ li l-proġetti relatati mal-potenzjal li intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jindirizzaw it-tħassib ambjentali, jitwettqu abbażi ta' għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli sabiex mill-bidu tiġi ggarantita l-konformità ta' dawn il-proġetti mal-prinċipji etiċi.

(33) Jenħtieġ li kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji u li jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni, jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, l-iżvilupp, il-vara u l-użu tagħhom isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u mad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-

Ewropew u tal-Kunsill[2].

(34) Jenħtieġ li l-limiti etiċi tal-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jitqiesu kif dovut meta jintużaw teknoloġiji ta' rikonoxximent remot, bħar-rikonoxximent bijometriku, sabiex individwi jiġu identifikati awtomatikament. Jenħtieġ li meta dawn it-teknoloġiji jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi fi żminijiet ta' emerġenza nazzjonali, bħal waqt kriżi nazzjonali tas-saħħa, l-użu jkun proporzjonat u l-kriterji għal dak l-użu jkunu definiti sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk, meta u kif għandu jseħħ filwaqt li tali użu jqis l-impatt psikoloġiku u soċjokulturali tiegħu b'rispett dovut għad-dinjità tal-bniedem u għad-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta.

(35) Governanza li hija bbażata fuq standards rilevanti ssaħħaħ is-sikurezza u tippromwovi ż-żieda fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji.

(36) Fost l-istandards ta' governanza rilevanti eżistenti hemm, pereżempju, il-"Linji Gwida dwar l-Etika għal AI affidabbli" abbozzati mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea u standards tekniċi oħra adottati fil-livell Ewropew mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) u fil-livell internazzjonali mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-Istitut tal-Inġiniera tal-Elettriku u l-Elettronika (IEEE).

(37) Il-kondiviżjoni u l-użu tad-data minn bosta parteċipanti huma sensittivi u jenħtieġ, għaldaqstant, li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jiġu rregolati minn standards u protokolli rilevanti li jirriflettu r-rekwiżiti tal-kwalità, l-integrità, is-sigurtà, il-privatezza u l-kontroll. Jenħtieġ li l-istrateġija ta' governanza tad-data tiffoka fuq l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-aċċess għal tali data, inklużi l-ġestjoni u t-traċċabilità xierqa tagħha, u tiggarantixxi l-protezzjoni adegwata ta' data li tappartjeni għal gruppi vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabilitajiet, pazjenti, tfal, minoranzi u migranti.

(38) L-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament ser tiddependi ħafna mill-awtorità pubblika indipendenti li l-Istati Membri jaħtru sabiex taġixxi bħala awtorità superviżorja. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, kull awtorità superviżorja nazzjonali tkun responsabbli għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ta'

---

protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[2] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati meqjusa bħala riskju għoli fid-dawl tal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament.

(39) Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha ġġorr ukoll ir-responsabbiltà li tirregola l-governanza ta' dawn it-teknoloġiji. Għaldaqstant għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-fiduċja u tas-sikurezza taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll li biex jippermettu soċjetà demokratika, pluralistika u ekwitabbli.

(40) Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni sostanzjali u regolari flimkien kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, sabiex tiġi garantita azzjoni transfruntiera koerenti u jkunu possibbli l-iżvilupp, il-varar u l-użu konsistenti ta' dawn it-teknoloġiji fi ħdan l-Unjoni f'konformità mal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

(41) Jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jiżguraw il-ġbir ta' għadd massimu ta' partijiet ikkonċernati, bħall-industrija, in-negozji, is-sħab soċjali, ir-riċerkaturi, il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jipprovdu forum pluralistiku għar-riflessjoni u l-iskambju ta' fehmiet sabiex jinkisbu konklużjonijiet komprensibbli u preċiżi bħala gwida ta' kif il-governanza tiġi regolata.

(42) Jenħtieġ li, barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jipprovdu gwida u appoġġ amministrattivi professjonali lill-iżviluppaturi, dawk li jvaraw u l-utenti, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji jew negozji ġodda, li jiffaċċjaw sfidi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(43) L-iżvelar ta' informazzjoni protetta jwassal il-vjolazzjonijiet potenzjali u reali tad-dritt tal-Unjoni għand l-awtoritajiet bil-għan li jipprevjenu korriment, dannu jew ħsara li altrimenti jistgħu jseħħu. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' rapportar itejbu l-fluss ta' informazzjoni fi ħdan il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet, biex b'hekk itaffu r-riskju li jiġu żviluppati prodotti jew servizzi difettużi jew żbaljati. Jenħtieġ li l-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet li jiżviluppaw, ivaraw jew jużaw intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż data użata jew prodotta minn dawn it-teknoloġiji, jistabbilixxu mezzi ta' rapportar u jenħtieġ li persuni li jirrapportaw ksur jiġu protetti minn ritaljazzjoni.

(44) L-iżvilupp rapidu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, kif ukoll it-tagħlim mekkaniku tekniku, il-proċessi ta' raġunament u teknoloġiji sottostanti oħra ta' dan l-iżvilupp, huma imprevedibbli. B'hekk, huwa kemm xieraq kif ukoll meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami li skontu, flimkien mar-rapportar tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta b'mod regolari rapport dwar il-modifika possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(45) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas legali ta'

prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda aktar jista' jintlaħaq, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(46) Azzjoni fil-livell tal-Unjoni kif stipulata f'dan ir-Regolament tinkiseb l-aħjar permezz tal-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali. Korp bħal dan ikun essenzjali sabiex jikkoordina l-mandati u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'kull Stat Membru, jiddeskrivi l-kriterji oġġettivi għall-valutazzjoni tar-riskju ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, jiżviluppa u joħroġ ċertifikazzjoni ta' konformità mal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jappoġġja skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u mas-soċjetà ċivili, jippromwovi l-approċċ tal-Unjoni permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u jiżgura tweġiba globali konsistenti għall-opportunitajiet u r-riskji inerenti f'dawn it-teknoloġiji.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
**Skop**

Il-fini ta' dan ir-Regolament hija li jiġi stabbilit qafas regolatorju ta' prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fl-Unjoni.

*Artikolu 2*
**Kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni.

*Artikolu 3*
**Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku**

Dan ir-Regolament japplika għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fejn kwalunkwe parti minnhom tiġi żviluppata, varata jew użata fl-Unjoni, irrispettivament minn jekk software, algoritmi jew data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji jinsabux barra mill-Unjoni jew ma jkollhomx lokazzjoni ġeografika speċifika.

*Artikolu 4*
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "intelliġenza artifiċjali" tfisser sistemi ta' software li, fost oħrajn, jiġbru, jipproċessaw u jinterpretaw data strutturata jew mhux strutturata, jidentifikaw tendenzi u jistabbilixxu mudelli sabiex jaslu għal konklużjonijiet jew jieħdu azzjonijiet fid-dimensjoni fiżika jew virtwali abbażi ta' tali konklużjonijiet;

(b) "robotika" tfisser teknoloġiji li jippermettu lill-magni jwettqu kompiti li tradizzjonalment jitwettqu mill-bnedmin inkluż permezz ta' intelliġenza artifiċjali jew teknoloġiji relatati;

(c) "teknoloġiji relatati" tfisser teknoloġiji li jippermettu lil software jikkontrolla, b'grad ta' awtonomija parzjali jew sħiħ, proċess fiżiku jew virtwali, teknoloġiji li kapaċi jidentifikaw l-identità ta' persuni jew fatturi speċifiċi ta' persuna permezz tad-data bijometrika tagħhom u teknoloġiji li jagħmlu kopja jew b'xi mod ieħor jagħmlu użu minn xeħtiet umani;

(d) "software" tfisser sett ta' struzzjonijiet li jiġu espressi f'kodiċi u huma meħtieġa biex

kompjuter jiffunzjona u jeżegwixxi kompiti;

(e) "algoritmi" tfisser mudell għal kalkoli jew għal operazzjonijiet oħra ta' soluzzjoni tal-problemi mwettqa minn software meta jeżegwixxi kompitu;

(f) "data" tfisser informazzjoni definita bħala kodiċi u maħżuna f'kodiċi;

(g) "żvilupp" tfisser il-kostruzzjoni u d-disinn ta' algoritmi, il-kitba u d-disinn ta' software jew il-ġbir, il-ħżin u l-ġestjoni ta' data bil-ħsieb ta' ħolqien jew taħriġ ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jew bil-ħsieb ta' ħolqien ta' applikazzjoni ġdida għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati eżistenti;

(h) "żviluppatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tieħu deċiżjonijiet li jiddeterminaw u jikkontrollaw il-perkors jew il-mod tal-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati;

(i) "varar" tfisser l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, kif ukoll it-tqegħid tagħhom fis-suq jew inkella li jsiru disponibbli għall-utenti;

(j) "dak li jvara" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li hija involuta fil-varar ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati u li għandha funzjoni ta' operat jew ta' ġestjoni;

(k) "użu" tfisser kwalunkwe azzjoni relatata ma' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati għajr l-iżvilupp jew il-varar;

(l) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati għajr għal finijiet ta' żvilupp jew varar;

(m) "parzjalità" tfisser kwalunkwe perċezzjoni personali jew soċjali li tkun preġudikata jew parzjali ta' persuna jew grupp ta' persuni abbażi tax-xeħtiet personali tagħhom;

(n) "diskriminazzjoni" tfisser kwalunkwe trattament differenzjali ta' persuna jew grupp ta' persuni abbażi ta' raġuni li ma għandha ebda ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli u għaldaqstant hija pprojbita mid-dritt tal-Unjoni;

(o) "korriment jew dannu" tfisser korriment, parzjalità, diskriminazzjoni jew stigmatizzazzjoni fiżiċi, emozzjonali jew mentali kkawżati minn nuqqas ta' inklużività u diversità, minn telf finanzjarju jew ekonomiku, minn telf ta' impjieg jew opportunità ta' edukazzjoni, minn restrizzjoni eċċessiva fuq il-libertà tal-għażla, minn kundanna inġusta, minn ħsara ambjentali u minn kwalunkwe ksur tad-dritt tal-Unjoni li jkun ta' detriment għal persuna;

(p) "governanza" tfisser il-mod li bih jiġi żgurat li l-ogħla standards u l-protokolli adegwati ta'

komportament jiġu adottati u osservati mill-iżviluppaturi, dawk li jvaraw u l-utenti, abbażi ta' ġabra formali ta' regoli, proċeduri u valuri, kif ukoll dan il-mod jippermettilhom li jittrattaw b'mod xieraq il-kwistjonijiet etiċi hekk kif jinħolqu jew qabel dan.

*Artikolu 5*

**Prinċipji etiċi ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni f'konformità mal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jitwettqu b'mod li jiżgura li d-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta jiġu rrispettati b'mod sħiħ.

3. L-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jitwettqu fl-aħjar interess taċ-ċittadini. B'mod partikolari, il-potenzjal ta' dawn it-teknoloġiji u l-opportunitajiet li jipprovdu għandhom jitqiesu filwaqt li dejjem tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jitħarsu u jitrawmu l-benesseri soċjali, ambjentali u ekonomiċi tas-soċjetà.

*Artikolu 6*

**Intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u magħmula mill-bniedem**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod iċċentrat fuq il-bniedem bl-għan li jikkontribwixxu għall-eżistenza ta' soċjetà demokratika, pluralistika u ekwitabbli permezz tas-salvagwardja tal-awtonomija tal-bniedem u tat-teħid tad-deċiżjonijiet u bl-iżgurar tal-azzjoni tal-bniedem.

2. It-teknoloġiji elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jiggarantixxi sorveljanza sħiħa mill-bniedem fi kwalunkwe waqt, b'mod partikolari meta dan l-iżvilupp, varar jew użu jinvolvi riskju ta' ksur tal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

3. It-teknoloġiji elenkati fil-paragrafu 1 għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jippermetti li l-kontroll mill-bniedem jista' jerġa' jittieħed mill-bniedem fi kwalunkwe waqt, inkluż permezz ta' tibdil jew waqfien ta' dan it-teknoloġiji, meta dan l-iżvilupp, varar jew użu jinvolvi riskju ta' ksur tal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Valutazzjoni tar-riskju**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jinvolvu riskju sinifikanti ta' ksur tal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala teknoloġiji b'riskju għoli.

2. Meta intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jitqiesu bħala teknoloġiji b'riskju għoli, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14 għandhom iwettqu u jissorveljaw valutazzjoni tal-konformità ta' dawn it-teknoloġiji mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-valutazzjoni tar-riskju ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandha titwettaq abbażi ta' kriterji oġġettivi armonizzati fil-livell tal-Unjoni u f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli.

*Artikolu 8*

**Fatturi tas-sikurezza, trasparenza u akkontabbiltà**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li ma jiksrux il-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dawn għandhom jiġu:

(a) żviluppati, varati u użati b'mod konsistenti sabiex ma jfittxux li jsegwu għanijiet jew iwettqu attivitajiet għajr dawk li għalihom inħolqu;

(b) żviluppati, varati u użati b'mod reżiljenti sabiex jiżguraw livell adegwat ta' sigurtà filwaqt li jipprevjeni kwalunkwe vulnerabbiltà teknika milli tiġi sfruttata għal finijiet inġusti jew illegali;

(c) żviluppati, varati u użati b'mod sigur li jiżgura li jkun hemm salvagwardji li jinkludu pjan u azzjoni ta' riżerva f'każ ta' riskju ta' ksur tal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament;

(d) żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li jkun hemm fiduċja li l-prestazzjoni tkun affidabbli fir-rigward li jintlaħqu l-għanijiet u jitwettqu l-attivitajiet li għalihom ikunu tnisslu, inkluż billi jiżguraw li l-operazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jiġu riprodotti;

(e) żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li l-prestazzjoni tal-għanijiet u tal-attivitajiet tat-teknoloġiji partikolari tkun preċiża; jekk xi ineżattezzi okkażjonali ma jistgħux jiġu evitati, is-sistema għandha tindika l-probabbiltà ta' żbalji u ineżattezzi lil dawk li jvaraw u lill-utenti permezz ta' messaġġ ta' ċaħda ta' responsabbiltà adegwat;

(f) żviluppati, varati u użati b'mod li jista' jiġi faċilment spjegat sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' rieżami tal-proċess tekniku tat-teknoloġiji;

(g) żviluppati, varati u użati b'tali mod li jkollhom il-kapaċità jwissu lill-utenti li dawn qegħdin jinteraġixxu ma' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali filwaqt li jiżvelaw kif dovut il-kapaċitajiet, il-preċiżjoni u l-limitazzjonijiet tagħhom lill-iżviluppaturi, dawk li jvaraw u l-utenti tal-intelliġenza artifiċjali;

(h) żviluppati, varati u użati, f'konformità mal-Artikolu 6(3), b'mod li jagħmilha possibbli, f'każ ta' nonkonformità mal-fatturi tas-sikurezza stipulati fis-subparagrafi (a) sa (g), li t-teknoloġiji kkonċernati jiġu temporanjament diżattivati u jerġgħu jużaw funzjonalitajiet preċedenti.

2. F'konformità mal-Artikolu 6(2), it-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod trasparenti u traċċabbli sabiex l-elementi, il-proċessi u l-fażijiet tagħhom jiġu dokumentati skont l-ogħla standards filwaqt li jkun possibbli għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14 li jivvalutaw il-konformità ta' dawn it-teknoloġiji mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-iżviluppatur, dak li jvara jew l-utent ta' dawn it-teknoloġiji għandu jkun responsabbli għall-konformità, b'mod dimostrabbli, mal-fatturi tas-sigurtà stipulati fil-paragrafu 1.

3. L-iżviluppatur, dak li jvara jew l-utent tat-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiżgura li l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-konformità mal-fatturi tas-sikurezza stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu awditjati mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14.

4. Għandu jitqies li l-utenti kkonformaw mal-obbligi stipulati f'dan l-Artikolu fejn l-użu li huma jagħmlu minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jitwettaq b'rieda tajba u bl-ebda mod ma jmorru kontra l-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Imparzjalità u nondiskriminazzjoni**

1. Kwalunkwe software, algoritmu jew data użati jew prodotti minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li huma żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom ikunu b'tali mod li jiżguraw ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u t-trattament ugwali għal kulħadd.

2. Kwalunkwe software, algoritmu jew data użati jew prodotti minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom ikunu imparzjali u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, ma jiddiskriminawx abbażi ta' razza, sess, orjentazzjoni sesswali, tqala, diżabilità, fatturi fiżiċi jew ġenetiċi, età, minoranza nazzjonali, oriġini etnika jew soċjali, lingwa, reliġjon jew twemmin, fehmiet politiċi jew parteċipazzjoni ċivika, status taċ-ċittadinanza, ċivili jew ekonomiku, edukazzjoni jew rekord kriminali.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li jirregola d-diskriminazzjoni illegali, kwalunkwe trattament differenti bejn persuni jew gruppi ta' persuni jista' jiġi ġġustifikat biss meta jkun hemm mira oġġettiva, raġonevoli u leġittima li tkun kemm proporzjonata kif ukoll meħtieġa sakemm ma tkunx teżisti alternattiva li tikkawża inqas interferenza mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

*Artikolu 10*

**Responsabbiltà soċjali u bilanċ bejn is-sessi**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni f'konformità mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri rilevanti tal-Unjoni, b'mod li jiżgura l-aħjar eżiti soċjali, ambjentali u ekonomiċi u li ma jirriżultax f'korriment ta' kwalunkwe tip lill-individwi jew lis-soċjetà.

2. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod soċjalment responsabbli. B'mod partikolari, tali mod għandu jfisser li dawn it-teknoloġiji jiġu:

(a) żviluppati, varati u użat b'mod li jikkontribwixxi għat-titjib tal-iżvilupp individwali, il-benesseri kollettiv u l-funzjonament tajjeb tad-demokrazija, mingħajr ma interferenzi fi proċessi politiċi, teħid ta' deċiżjonijiet u elezzjonijiet jew mingħajr kontribut għat-tixrid tad-diżinformazzjoni;

(b) żviluppati, varati u użati b'mod li jikkontribwixxi għall-kisba ta' soċjetà ġusta billi jgħinu biex jitjiebu s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini, titrawwem l-ugwaljanza fil-ħolqien u d-disponibbiltà ta' opportunitajiet ekonomiċi, soċjali u politiċi filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-ħaddiema;

(c) żviluppati, varati u użati b'mod li jikkontribwixxu għad-dibattitu pubbliku, jikkomplementaw u jsaħħu l-ħiliet konjittivi tal-bniedem, jinkoraġġixxu edukazzjoni ta' kwalità u jippromwovu l-multilingwiżmu filwaqt li jirriflettu d-diversità kulturali tal-Unjoni;

(d) żviluppati, varati u użati b'mod ibbilanċjat bejn is-sessi li jnaqqas id-disparità bejn is-sessi billi jipprovdu opportunitajiet indaqs għal kulħadd;

(e) żviluppati, varati u użati b'mod li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-distakk diġitali fost ir-reġjuni, il-gruppi tal-età u l-klassijiet soċjali, għall-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali, għall-innovazzjoni u l-kreattività, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

3. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jinkoraġġixxu proġetti ta' riċerka maħsuba biex jipprovdu soluzzjonijiet, ibbażati fuq intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, li jfittxu li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, il-pluralità, is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-kooperazzjoni.

4. L-effetti soċjali tal-preżenza universali ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li huma żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14, sabiex jiġi evitat li jkunu hemm effetti li jfixklu l-azzjoni soċjali u r-relazzjonijiet soċjali, kif ukoll li jiddeterjoraw il-ħiliet soċjali.

*Artikolu 11*
**Ħarsien ambjentali u s-sostenibbiltà**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni f'konformità mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni, b'mod li jiżgura l-aħjar eżiti għall-ħarsien ambjentali u jimminimizza l-impronta ambjentali tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom, sabiex jiġu appoġġjati l-għanijiet biex jintlaħqu n-newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima u l-ekonomija ċirkolari.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jinkoraġġixxu u jippromwovu proġetti ta' riċerka maħsuba biex jipprovdu soluzzjonijiet, ibbażati fuq intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, li jfittxu li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali bħall-produzzjoni tal-iskart, l-impronta tal-karbonju, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali.

3. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu vvalutati dwar il-ħarsien ambjentali u s-sostenibbiltà tagħhom mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14, sabiex jiġi żgurat li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri li jtaffu l-impatt ġenerali tagħhom fir-rigward tar-riżorsi naturali, il-konsum tal-enerġija, il-produzzjoni tal-iskart, l-impronta tal-karbonju, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali.

*Artikolu 12*
**Privatezza u rikonoxximent bijometriku**

1. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li jsir fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data personali derivata minn data mhux personali u data bijometrika, għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE.

2. F'konformità mal-Artikolu 5(2), meta teknoloġiji ta' rikonoxximent remot, bħar-rikonoxximent bijometriku, jiġu varati jew jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati

Membri sabiex jirrispondu għal emerġenza nazzjonali, dawk l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li dan il-varar jew użu jkun limitat għal objettivi speċifiċi, ikun ristrett fiż-żmien u jitwettaq bir-rispett dovut għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali stipulati fil-Karta.

*Artikolu 13*
**Governanza**

1. Intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-istandards ta' governanza rilevanti stabbiliti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li għalihom issir referenza fl-Artikolu 14 f'konformità mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni.

2. Data użata jew prodotta minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li huma żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jiġu amministrati minn żviluppaturi, dawk li jvaraw u utenti f'konformità mal-istandards rilevanti li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1, kif ukoll skont il-protokolli rilevanti tal-industrija u tal-kummerċ. B'mod partikolari, l-iżviluppaturi u dawk li jvaraw għandhom iwettqu, fejn fattibbli, kontrolli tal-kwalità tas-sorsi esterni ta' data użati minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' sorveljanza rigward il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar u l-użu tagħhom.

3. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-portabbiltà u d-drittijiet tal-persuni li meta użaw intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jkunu ġġeneraw data, il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-aċċess għad-data użata jew prodotta minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li huma żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-istandards rilevanti li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1, kif ukoll mal-protokolli rilevanti tal-industrija u tal-kummerċ. B'mod partikolari, żviluppaturi u dawk li jvaraw għandhom jiżguraw li dawn il-protokolli jiġu applikati matul l-iżvilupp u l-varar ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, billi jiddefinixxu b'mod ċar ir-rekwiżiti għall-ipproċessar u l-għoti ta' aċċess għal data użata jew prodotta minn dawn it-teknoloġiji, kif ukoll il-fini, l-ambitu u d-destinatarji tal-ipproċessar u l-għoti ta' aċċess għal tali data, li lkoll għandhom ikunu verifikabbli u traċċabbli f'kwalunkwe mument.

*Artikolu 14*
**Awtoritajiet superviżorji**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità pubblika indipendenti li tkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament (l-"awtorità superviżorja"). F'konformità mal-Artikolu 7(1) u (2), kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun responsabbli biex tivvaluta jekk intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li huma żviluppati, varati u użati fl-Unjoni humiex teknoloġiji ta' riskju għoli u, jekk dan ikun minnu, tkun responsabbli għall-

valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet superviżorji f'kull Stat Membru għandhom jikkooperaw flimkien, mal-Kummissjoni u ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment tal-istandards ta' governanza li għalihom issir referenza fl-Artikolu 13(1).

3. Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-istandards ta' governanza għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż billi tikkoordina mal-ikbar għadd possibbli ta' partijiet ikkonċernati. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet superviżorji f'kull Stat Membru għandhom jipprovdu forum għal skambju regolari mal-partijiet ikkonċernati.

4. Kull awtorità superviżorja nazzjonali għandha tipprovdi gwida u appoġġ professjonali u amministrattiv dwar l-implimentazzjoni ġenerali tal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż lill-intrapriżi żgħar u medji u lin-negozji ġodda.

5. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bid-dispożizzjonijiet legali li qiegħed jadotta skont dan l-Artikolu sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sena wara d-dħul fis-seħħ] u, mingħajr dewmien, kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u lis-soċjetà ċivili, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw rispons f'waqtu, etiku u informat tajjeb għall-opportunitajiet u l-isfidi l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' natura transfruntiera, li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi relatati ma' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.

*Artikolu 15*

**Rapportar ta' ksur u protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw**

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] għandha tapplika għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw ksur bħal dan.

*Artikolu 16*

[3] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

**Emenda għad-Direttiva (UE) Nru 2019/1937**

Id-Direttiva (KE) Nru 2019/1937 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(xi) żvilupp, varar u użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati."

(2) Fil-Parti I tal-Anness, jiżdied il-punt li ġej:

"K. Punt (a)(xi) tal-Artikolu 2(1) – żvilupp, varar u użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.

"(xxi) Ir-Regolament [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati"."

*Artikolu 17*
**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrieżamina b'mod regolari l-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluż software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji u għandha sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ], u kull tliet snin wara din, tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni tal-modifika possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 18*
**Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu japplika minn XX.

2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fi djalogu fil-film *Blade Runner* tal-1982, bejn Rachael, li hija *replicant* li taħdem ma' kumpanija li tipproduċi r-*replicants*, li huma robots intelliġenti umanojdi, u Deckard, bniedem li jaqla' l-għajxien tiegħu jelimina r-*replicants* li jitilfu l-kontroll, hi tgħidlu:

- *"It seems you feel our work is not a benefit to the public"*.

U hu jweġibha:

- "*Replicants are like any other machine - they're either a benefit or a hazard. If they're a benefit, it's not my problem*".

***Benefiċċji u riskji***

L-introduzzjoni massiva tal-intelliġenza artifiċjali fil-magni kollha li ninteraġixxu magħhom fil-ħajja pubblika, tax-xogħol u soċjali, se tfisser qabża teknoloġika kumparabbli mal-qabża esperjenzata fi żmien ir-rivoluzzjoni industrijali. Il-ħajja qatt mhu se terġa' tkun kif kienet, se naraw tibdil sostanzjali ħafna fis-suq tax-xogħol, fir-relazzjoni mas-setgħat pubbliċi, fir-relazzjonijiet personali u saħansitra fil-ħajja domestika tagħna - inqisu xi jfisser "l-internet tal-oġġetti" fit-tagħmir tad-djar tagħna. Qabża teknoloġika ta' dan il-livell tippreżentalna d-dilemma li ppreżenta l-*blade runner* fit-tweġiba tiegħu: kwalunkwe teknoloġija toffri kemm benefiċċji kif ukoll riskji. U meta nitkellmu dwar l-intelliġenza artifiċjali nitkellmu dwar benefiċċji u/jew riskji fuq skala bla preċedent, meta nqisu l-qawwa intrinsika tagħha.

***Ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-ħolqien ta' qafas legali***

Meta aħna, bħala ammistrazzjonijiet pubbliċi, ikollna kuntatt ma' dan il-fenomenu, ma nistgħux nieqfu maċ-ċiniżmu professjonali ta' Deckard. Għall-Parlament Ewropew, l-għoti ta' spinta lill-potenzjal li dawn it-teknoloġiji għandhom għall-benessri u l-kompetittività tal-Ewropa huwa daqstant importanti daqskemm huwa importanti li jiġu kkontrollati r-riskji inerenti tagħhom, jew li jiġu antiċipati l-konsegwenzi ta' wħud mir-riskji. Għaldaqstant, irridu nkunu pijunieri fl-istabbiliment legali ta' soll etiku li min-naħa l-waħda jipproteġi liċ-ċittadini Ewropej mill-effetti negattivi potenzjali li ġġib magħha din l-evoluzzjoni teknoloġika, u min-naħa l-oħra jipprovdi valur miżjud ta' fiduċja għall-intelliġenza artifiċjali Ewropea fid-dinja. Soll etiku allinjat mal-prinċipji u l-valuri Ewropej tagħna, riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u konsistenti wkoll mal-proġett tagħna ta' ċiviltà. Leġiżlazzjoni mnebbħa minn approċċ umanistiku u ffukat fuq il-bniedem fl-iżvilupp teknoloġiku. Regoli li mhux biss japplikaw għall-intelliġenza artifiċjali żviluppata fl-Ewropa, iżda li jinvolvu wkoll rekwiżiti regolatorji eżiġenti għal kull min ikun beħsiebu jopera fl-Unjoni.

Huwa imperattiv li l-qafas tad-drittijiet u d-dmirijiet ikun kondiviż mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea. Sensiela ta' regolamenti nazzjonali mingħajr referenza komuni taf toħloq problemi għas-suq uniku u tfixkel l-isforzi kollettivi tagħna biex inkunu fuq quddiem nett fir-rigward tat-teknoloġija fil-livell dinji. Il-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea biex tissorvelja l-iżvilupp ta' dawn ir-regoli jwassal għall-armonizzazzjoni tal-qafas ġuridiku u tekniku li jiżviluppa f'kull wieħed mill-Istati Membri.

***Regolament flessibbli u li jħares lejn il-ġejjieni***

Fil-konfront ta' dawk li jirrakkomandaw li dan is-settur għandu jitħalla jirregola lilu nnifsu, id-djalogu tal-bidu jista' juri wkoll il-ħtieġa ta' involviment pubbliku, li jissalvagwardja għanijiet li jmorru lil hinn mill-qligħ ekonomiku. Għanijiet oħra li għandhom jiġu mħarsa mill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Ewropa jinkludu l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni (ikunu xi jkunu l-għeruq tagħha) fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-isfruttar tal-potenzjal li għandhom dawn it-teknoloġiji favur soċjetà aktar ġusta, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi tal-ġeneru, u aktar sostenibbli mil-lat ambjentali. Għal dawn il-kwistjonijiet tal-aħħar, it-test jipprevedi mandati espliċiti għall-awtoritajiet pubbliċi Ewropej.

Objettiv ieħor hu li jintlaħaq bilanċ bejn qafas eżiġenti ħafna u s-sempliċità regolatorja, li jiġu evitati sistemi regolatorji kumplessi u/jew piżijiet burokratiċi tqal għall-atturi involuti. Irid ikollna wkoll qafas flessibbli biżżejjed biex ikun jista' jakkomoda l-iżviluppi f'realtà li tinbidel ħafna filwaqt li jippermetti l-iżvilupp settorjali ta' standards li jikkonfiguraw realtajiet aktar konkreti.

***Approssimazzjoni integrali mal-ħolqien ta' korpi superviżorji nazzjonali***

Din ir-regolamentazzjoni għandha l-għan li testendi s-superviżjoni għall-istadji kollha ta' teknoloġija kumplessa ferm. L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni proprja tat-teknoloġija permezz ta' tagħlim awtomatiku jew apprendiment profond huma kollha aspetti li hemm previsti dispożizzjonijiet dwarhom. Qed isir enfasi speċjali fuq il-prevenzjoni rigward teknoloġiji li huma definiti bħala "ta' riskju kbir", jiġifieri meta teżisti porobabbiltà kbira li jinħolqu riperkussjonijiet negattivi u/jew meta hemm involuti temi sensittivi li jistħoqqilhom ħarsien speċjali, li huma dawk definiti fl-istess standard. Qed tiġi regolata kwistjoni delikata ħafna għad-drittijiet individwali, bħat-tekniki ta' rikonoxximent remot, u qed jiġu stabbiliti ħafna salvagwardji għall-użu tagħhom; barra minn hekk, qed jiġi regolat qafas fiżiku u temporali strett ħafna, li jista' jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi f'każijiet eċċezzjonali ta' emerġenzi kbar.

Dawn ir-regoli għandhom ukoll l-għan li jippermettu parteċipazzjoni tal-pubbliku kollu, u speċjalment tal-persuni u l-gruppi l-aktar involuti jew milquta, fit-tfassil, l-iżvilupp, il-kontroll u s-superviżjoni ta' dan il-qafas regolatorju. It-test jipprevedi mandat għall-entitajiet superviżorji nazzjonali kollha, li r-regolamentazzjoni nfisha tindika li huwa obbligatorju li jinħolqu, biex ikun meħtieġ u perjodiku l-involviment tas-soċjetà ċivili. Bl-istess mod, jiġu stabbiti obbligi eżiġenti rigward it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont għad-disinjaturi, l-operaturi u l-utenti tal-intelliġenza artifiċjali. Hemm ukoll ġabra ta' obbligi ta' mġiba ċivika għall-utenti, u l-ħarsien meħtieġ li dawn għandhom meta jużaw dawn it-teknoloġiji b'rieda tajba.

***Komprensibbiltà, trasparenza, obbligu ta' rendikont, responsabbiltà u governanza***

Għadna mbegħdin ħafna mill-possibbiltà li algoritmu jsarraf f'realtà it-twelid tal-psikostorja li Isaac Asimov kellimna dwarha fis-sensiela ta' kotba "*Foundation*". Il-kunċett innifsu tal-libertà tar-rieda, parti integrali mill-kundizzjoni umana, donnu li għalissa mhuwiex mhedded. Lanqas meta qed nitkellmu dwar l-istennija tal-emerġenza tal-kurrenti l-kbar tal-istorja. Is-setgħat demokratiċi se niżguraw li d-deċiżjonijiet kbar u żgħar li jittieħdu bl-għajnuna ta' teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali mhumiex se jittieħdu bħala konsegwenza ta' formuli matematiċi mudlama u inaċċessibbli. Il-komprensibbiltà, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà se jkunu karatteristiċi indispensabbli fl-intelliġenza artifiċjali żviluppata u mħaddma fl-UE.

L-Unjoni Ewropea biħsiebha tkun spazju li fih jeżisti l-bilanċ meħtieġ bejn is-salvagwardja tad-drittijiet taċ-ċittadini u t-tisħiħ tal-iżvilupp teknoloġiku. Ir-regolamentazzjoni tagħna u l-iżvilupp li se jagħmlu l-korp jew korpi superviżorji jridu jkunu eżempju għall-bqija tad-dinja u l-ewwel pass biex tiġi żgurata governanza tajba ta' dan il-fenomenu fuq livell dinji.